**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 108 – IT-TNEJN, 27 TA' AWWISSU 2018 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 107**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 107**

2.1 Il-Kunsill irrikonoxxa li minħabba n-nuqqas ta staff li hemm fil-Kunsill bħalissa, ir-risposta tal-Managment Letter għadha ma tlestietx.

**3 Pagamenti Numru 95**

3.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jitwaqqaf pagament numru 51, sakemm issir il-laqgħa mal-kuntrattur tal-ġonna. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jitwaqqfu pagamenti 30, 35 u 36 sakemm isiru l-kulverts. Is-Sinjura Marica Bayliss iddikjarat li hi ma taqbilx mal-pagament numru 54.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Saret diskussjoni dwar it-tender tal-Bulky refuse. Kien hemm qbil li fil-kundizzjonijiet għandha tinbidel li kull household jista' jkollha sa 4 oġġetti u mhux tlieta.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar ix-xiri tal-Christmas Trees li ser jitwaħħlu f'diversi postijiet fil-lokal. Kien hemm qbil li hemm budget ta' 5,000 Ewro għal dawn. Kien hemm qbil ukoll li għandna nitolbu lit-tliet għaqdiet, tal-festa, il-każin tal-banda, l-għaqda tal-armar u l-għaqda tan-nar biex dawn is-siġar jintramaw minnhom.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm proposta biex issir skip oħra għal ħwejjeġ użati fi Triq Giorgio Preca. Kien hemm qbil li din issir kif ukoll proposta biex issir oħra fi Triq Ugo Carbonaro. Għandha tintalab ukoll statistika ta' kemm inġabru ħwejjeġ f'San Ġwann.

5.2 Ġiet innutata l-premju anzjanità attiva.

5.3 Saret laqgħa mal-WasteServ dwar l-introduzzjoni tal-borża organika. Din għandha tibda mill-31 ta' Ottubru 2018.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li rċieva talba għal sleeping policeman fi Triq l-Adrijatiku. Kien hemm qbil li din ma ssirx. Hu ppropona li jinxtara arblu ieħor mat-tlieta li għandna ġewwa l-Kunsill biex ikun hemm il-bandiera tar-Reġjun. Is-Sinjura Marica Bayliss ma qablitx. Is-Sur Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm 4 favur u waħda kontra. Is-Sur Cassar ippropona li jinxtraw 10 bins oħra biex jitwaħħlu fit-triq prinċipali. Kien hemm qbil unanimu.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex tinkiteb ittra lil TM dwar il-bus stops imkissrin li hemm f'San Ġwann.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia nfurmat lill-Kunsill li hemm xi dawl maqtugħ fil-Ġnien Karin Grech. Għandu jiġi vverifikat jekk hux possibbli li jitwaħħlu floodlights minflok il-bozoz li hemm. Hi lmentat ukoll li qed ikun hemm xi ġrieden fejn it-tliet siġriet. Għandha ssir site visit biex jiġi stabbilit jekk għandux isir xi ħadid madwar dawn is-siġar. Għandhom ukoll jiġu nfurmati l-wardens biex ikun hemm xi green wardens f'San Ġwann.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 10 ta' Settembru 2018 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |